Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 60

Il-Ħamis 11 t'Ottubru 2018

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Stephen Caruana – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 60.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 60.1.1 | Ma kienx hemm. |
| 60.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 60.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta preċedenti innumerata 58 flimkien mal-kopja tas-Seduta b'Urġenza numru 59, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ittieħdu bħala moqrija. |
| 60.2.2 | Is-Sur Steven Grech ippropona u s-Sur Stephen Caruana issekonda l-minuti tas-Seduti 58 u 59 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 60.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 60.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-10 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella, kien attenda għal laqgħa mal-MSDEC sabiex jiġu diskussa l-aħħar pjanijiet tal-Festa Ħut 2018 f'Marsaxlokk. |
| 60.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-10 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella, kien attenda għal laqgħa ma' Shangai Electric fejn ġiet diskussa ċ-*Chinese Culture Night* f'Marsaxlokk. |
| 60.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-11 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella, kien attenda għall-appell tat-*tender* tal-*Waste Collection* quddiem id-Dipartiment tal-Kuntratti. Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li l-appell kellu jiġi evalwat u jinħatar bord ieħor sabiex jerġa' jiġi evalwat it-*tender*. |
| 60.3.4 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar il-11 u 13 ta' Settembru 2018, flimkien ma' impjegat tal-Kunsill, kien attenda għall-kors tal-*Urban Design* organizzat mill-Awtorità tal-Ippjanar. |
| 60.3.5 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar it-12 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella, kien attenda għal laqgħa mal-*Cleansing Department* sabiex jibda jkun hemm infurzar min-naha tal-*Wardens* fejn jidħol skart. Is-Sur Horace Gauci żied jgħid li l-Kunsill ħa jkun qed iħallas parti minn dan is-servizz flimkien mal-*Cleansing Department*. |
| 60.3.6 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-14 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sur Steven Grech, kien attenda għal laqgħa mal-Awtorità ta' l-Artijiet rigward l-użu tal-imwejjed u s-siġġijiet tal-istabbilimenti f'Marsaxlokk. Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li se jitlob li tiddaħħal liġi fil-*Master Plan* il-ġdid tal-Pjan ta' Riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk. |
| 60.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali li nhar l-14 ta' Settembru 2018 kien attenda għal laqgħa informattiva mill-GAL Xlokk rigward il-Miżura 4 dwar proġetti ta' *Green Infrastructure*. |

| | |
|---|---|
| 60.3.8 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-17 ta' Settembru 2018 kien attenda Konferenza Stampa tar-Regjun Xlokk fejn ġie imnhiedi il-proġett tal-binja tar-*Reach Out Centre* tar-Reġjun Xlokk (ROWSE). |
| 60.3.9 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-17 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella, kien attenda għal laqgħa mas-sid tal-magni tal-*Water Point* sabiex tiġi installata magna simili f'Marsaxlokk. |
| 60.3.10 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar id-19 ta' Settembru 2018, flimkien mas-Sa Emma Vella, kien attenda għal Konferenza Stampa rigward Festa Ħut 2018. |
| 60.3.11 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar l-24 ta' Settembru 2018 kien attenda għal laqgħa tar-Reġjun Xlokk fejn kienet qed tiġi diskussa r-riforma tar-Reġjuni u dik tal-Gvern Lokali. Is-Sindku informa wkoll lill-Kunsilliera li għandha ssir laqgħa plenarja fir-rigward mill-AKL. |
| 60.3.12 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-27 ta' Settembru 2018 kien attenda għal laqgħa tal-GAL Xlokk. |
| 60.3.13 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-28 ta' Settembru 2018 attenda għal-Konferenza Stampa tal-AKL rigward ir-rilaxxar tal-bżieżaq fil-lokal ta' Marsaxlokk, u dan sabiex ikun protett l-ambjent, primarjament il-bahar, minħabba il-ħut. |
| 60.3.14 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar it-3 t'Ottubru 2018 żamm laqgħa *online* mal-ACT rigward tħawwil ta' siġar fil-lokalità. |
| 60.3.15 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li nhar is-7 t'Ottubru 2018 attenda għall-attività tal-*Bike Ride* tal-*Pink October* 2018 li inizjat minn ħdejn it-Torri San Luċjan għal Għawdex. |
| 60.3.16 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li bejn it-8 u l-11 t'Ottubru 2018 attenda laqgħa Brussell tal-*EU Regions Week* f'isem ir-Reġjun Xlokk. |
| 60.3.17 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera li s-servizz tal-magna tal-*Water Point* li kien hemm fil-Festa Ħut fil-Pjazza kienet ġiet installata f'Marsaxlokk biswit it-TIO. |
| 60.3.18 | Is- Sindku informa lill-Kunsill li l-ATM il-ġdida tal-kumpanija *EuroNet* li hija servizz ġdid għat-turisiti, kienet se tkun installata fil-jiem li ġejjin, ukoll biswit it-TIO. |
| 60.3.19 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera preżenti li qed isiru *Charging Parking Bays* fil-lokalità mingħajr ma l-Kunsill ġie infurmat. Għaldaqstant qal li se ssir komunikazzjoni mal-Awtorità kompetenti. |
| 60.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 60.4.1 | Is-Sur Horace Gauci staqsa: "Fid-dawl tal-fatt li ta' kull ġimgħa qed ifeġġu problemi rigward il-ġbir ta' skart riċiklabbli fir-raħal, nixtieq nistaqsi lill-Kunsilliera dan li ġej: Taqblu li temporanjament, sakemm tinstab kumpanija ġdida, jibda jinġieb skip ta' daqs medju nhar ta' Tlieta (jew l-Erbgħa), u l-boroż li ma jinġabrux jiġu miġbura mill-ħaddiema assenjati tal-Kunsill, jitbattlu f'dan l-iskip u eventwalment l-istess skip jitbattal |

| | |
|---|---|
| | nhar ta' Erbgħa stess ħalli ma jiġix mimli bi skart ieħor minn residenti/individwi oħra?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill ma għandu jġib l-ebda skip sabiex ma jsirx abbuż ta' rimi ta' skart. |
| 60.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-Imwejjed u Siġġijiet?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa mad-dipartimenti konċernati sabiex jiġi diskuss il-*Master Plan* għal Marsaxlokk. |
| 60.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Fish Fest / *Meters*?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir rikjetsa għal *sub-meter* mal-kaxxa tal-*Hard Standing* minflok tintuża ċ-ċomba. Is-Sur Steven Grech ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill li mhux l-istabbilimenti kollha ġew iħallsu l-permess għall-*Fish Fest*. |
| 60.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Monti?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandhom jiġu proposti ħinijiet differenti għas-Sajf u għax-Xitwa u kien hemm qbil li l-monti ta' nhar ta' Ħadd ma għandux idum aktar mit-3:00p.m. |
| 60.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "L-għalqa ta' ħdejn il-*Hard Standing*?" Wara diskussjoni libera ġie issuġerit li jekk se ssir il-*Boat Storage*, din għandha ssir imsaqqfa. |
| 60.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa: "Il-Bye-law tal-Iskalien?" Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-Koperattivi tas-Sajd. |
| 60.5 | Rapporti |
| 60.5.1 | - Permezz ta' *email* datata 8 t'Ottubru 2018 il-Kunsill ġie infurmat b'korrispondenza mingħand individwu tan-*Nature Trust Malta* rigward l-iskart li kien qed jinġabar mill-ħaddiema tal-Kunsill u kif il-Kunsill wasal għad-deċiżjoni li dan l-iskart ma jibqax jinġabar. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li *Nature Trust Malta* għandha tqabbad kuntrattur sabiex jibda jiġbor dan l-iskart u s-servizz mill-Kunsill għandu jibqa' jingħata biss sad-19 t'Ottubru 2018.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 9 t'Ottubru 2018 mibgħuta mingħand residenta, il-Kunsill ġie infurmat b'applikazzjoni ta' *Reserved Parking* li ġiet approvata minn TM. Wara diskussjoni libera, hekk kif kien deċiż f'laqgħat preċedenti, il-Kunsill qabel li mhuwiex l-Awtorità kompetenti li jiddeċiedi jekk persuna għandhiex diżabiltà jew le. Għaldaqstant kellha tiġi infurmata TM sabiex l-applikazzjoni tiġi reveduta.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 9 t'Ottubru 2018 mibgħuta minn residenta, il-Kunsill ġie infurmat li bankina li tinsab fi Triq Ġulinu Maniscalo tirrikjedi manutenzjoni. Wara diskussjoni libera ġie deċiz li l-Kunsill għandu jirranġa din il-bankina.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza minn kandidat tal-Elezzjoni tal-Parlament Ewropew ta' Mejju 2019, il-Kunsill ġie infurmat bi stedina sabiex jiltaqgħu mieghu. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiltaqa' mal-Kandidat qabel il-laqgha tal-Kunsill f'Novembru 2018.<br><br>- Permezz ta' korrispondenza datata 9 t'Ottubru 2018 mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar b'referenza PA/02545/17, il-Kunsill ġie nfurmat li nhar is-26 t'Ottubru 2018 ser issir *site inspection* tal-Barumbara. |

| | |
|---|---|
| | - Permezz ta' korrispondenza datata 9 t'Ottubru 2018 mibgħuta mill-Awtorità tal-Ippjanar b'referenza PA/03782/16, il-Kunsilliera preżenti ġew infurmati bl-iżvilupp ta' lukanda fi Triq il-Wilġa f'Marsaxlokk. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li għandha tinżamm laqgħa b'urġenza fir-rigward u ssir diskussjoni mal-iżviluppatur u l-perit tal-proġett.<br><br>- Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-applikazzjonijiet għal żvilupp bin-numri:<br>PA/04914/18, PA/07667/18, PA/07938/18, PA/08689/18, PA/08503/18, PA/08702/18, RG/03471/18, RG/03633/18, PA/00289/18, PA/00809/18, PA/04014/18, PA/04045/18, PA/04118/18, PA/04364/18, PA/04440/18, PA/05794/18, RG/00893/18, PA/01903/18, PA/05966/18, PA/06290/18, PA/03336/18, PA/05470/18, PA/08086/18,PA/03238/18, PA/03434/18, PA/10408/17, RG/00374/18, PA/07902/18, PA/07938/18, PA/07959/18, PA/07960/18, PA/07953/18, PA/03263/18, RG/00605/18, EC/00145/18, PA/07579/18, PA/07667/18, PA/07734/18, RG/03098/18, PA/04509/18, PA/06008/18.<br><br>Ġie deċiż illi ma kellha tinstab ebda oġġezzjoni għall-applikazzjonijiet imsemmija ħlief għal PA/05794/18 u PA/04509/18 u li għalihom il-Kunsill Lokali kellu joġġezzjona |
| 60.6 | Mozzjonijiet |
| 60.6.1 | Ma kienx hemm. |
| 60.7 | Sejħiet għall-Offerti |
| 60.8.5 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li bagħat *email* tat-*tender* il-ġdid tal-*Public Conveniences* sabiex jiġi approvat mill-Kunsilliera. Wara diskussjoni libera ġie deċiż li l-Kunsill għandu jiskatta l-proċess sabiex sabiex il-*Public Conveniences* jiġu bil-flus.<br><br>Is-Segretarju informa lill-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin, kienu se jiġu evalwati t-*tenders* tal-iskart, tas-*Soft Areas* u tal-bandli fi Ġnien il-Familja.<br><br>Is-Segretarju informa wkoll lill-Kunsilliera preżenti li l-*Concession Letter* rigward il-ġbir ta' materjal għar-Riċiklaġġ qed tiġi evalwata mid-Dipartiment tal-Kuntratti u wara jkun jista' jitkompla l-proċess.<br><br>Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li Triq iċ-Ċippi kellha tinbeda fil-jiem li ġejjin u titlesta sa Diċembru 2018 hekk kif mifthiem fit-*tender*. |
| 60.9 | Milied 2018 |
| 60.9.1 | Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li għall-Milied 2018 għandhom jiġu mżejna t-toroq hekk kif sar fis-snin preċedenti. |
| 60.10 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |

| | |
|---|---|
| 60.10.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 10/18) għall-approvazzjoni. |
| 60.10.2 | Fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana, issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 60.10.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali l-lista ta' *petty cash* maħruġ matul ix-xahar ta' Settembru għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 60.11 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 60.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali intemmet fid-8:00p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Novembru 2018 fl-5:00p.m. |

Konfermati, illum 13 ta' Novembru 2018.

IFFIRMATA

_________________
Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

_________________
Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv